**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 30 ta' Gunju, 2025**

**Mandat Nru: 1620/2024/1 AF**

**Josephine u Carmel Micallef**

**Mary Busuttil**

**Paul Micallef**

**Carmelo Gauci**

**Josephine Micallef**

**u**

**Maximilian u Louise konjuġi Borg**

**vs**

**Mario Zarb u Sylvana Zarb Darmanin**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Josephine u Carmel Micallef, Mary Busuttil, Paul Micallef, Carmelo Gauci, Josephine Micallef u Maximilian u Louise Borg, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija, talbu lil din il-Qorti zzomm lil Mario u Sylvana Zarb milli jostakolaw passagg ghaddej mill-proprjetà taghhom fir-Rabat u li jaghti ghall-ghelieqi tar-rikorrenti.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet, li permezz tieghu it-talba ntlaqghet provizorjament.

Rat ir-risposta tal-konjugi Zarb.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors li thalla sabiex jigi degretat *in camera*.

Ikkunsidrat illi doveruz jigi mtenni li kull ezami li taghmel il-Qorti f'dan l-istadju jibqa' essenzjalment limitat ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn.

L-Art. 873 kif mizmum ukoll mill-gurisprudenza kopjuza jimponi z-zewg rekwiziti kumulattivi, u cioè d-dritt *prima facie* tar-rikorrenti u d-dannu irrimedjabbli jew sproporzjonat li jigi kkagunat f'kaz li l-mandat ma jintlaqax.

Din il-Qorti hija tal-fehma li t-tezi tar-rikorrenti tfalli fejn tirreferi ghal dan it-tieni rekwizit. Jekk l-intimati ma jinzammux milli jostakolaw il-passagg m'hija ser tigi kawzata ebda hsara irrimedjabbli. Il-Qorti tasal ghal din il-fehma wkoll ghaliex qieset li, skond ma kkonfermat mill-Qorti diversament fil-kawza ta' spoll kif konfermata mill-Qorti tal-Appell, sakemm bdiet is-saga gudizzjarja bejn il-partijiet ir-rikorrenti ma kienux qed jigu bzonn juzaw il-passagg kontinwament, fatt dan li juri jew li l-art taghhom mhux tassew li m'ghandha ebda access

iehor, jew li, ghal xi raguni ohra, ma kellhomx bzonn il-passagg.

Jibqa' ferm l-appell ta' din il-Qorti li tinstab soluzzjoni dejjiema ghall-kwistjoni li tirrispekkja rieda tajba miz-zewg nahat.

Peress illi, kif già ntqal aktar il fuq f'dan id-digriet, iz-zewg rekwiziti huma kumulattivi u mhux alternattivi, mhijiex ser tinoltra fuq il-kwistjoni jekk ir-rikorrenti jidhrux li jgawdu d-dritt li qed jippretendu.

Ghaldaqstant il-Qorti, filwaqt li tirrevoka *contrario imperio*, d-digriet taghha li permezz tieghu it-talba ntlaqghet provizorjament, tichad definittivament it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni.

Fic-cirkostanzi, kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

IMHALLEF